

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-8 ta' Settembru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud – ir-Repubblika Ċeka) – ET vs Ministerstvo životního prostředí**

(Kawża C-659/20) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun irregolat il-kummerċ fihom – Regolament (KE) Nru 338/97 – Artikolu 8(3)(d) – Kunċett ta' "kampjuni ta' speċi ta' annimali mwielda u mrobbija fil-magħluq" – Regolament (KE) Nru 865/2006 – Punt 3 tal-Artikolu 1 – Kunċett ta' "ħażna għat-trobbija" – Punt 2 tal-Artikolu 54 – Stabbiliment tal-ħażna għat-trobbija – Kontroll tal-axxendenza)*

(2022/C 408/13)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

### Qorti tar-rinviju

Nejvyšší správní soud

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ET

Konvenut: Ministerstvo životního prostředí

### Dispożittiv

- 1) Il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jstabilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun irregolat il-kummerċ fihom,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "ħażna għat-trobbija", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-axxendenti tal-kampjuni mrobbija f'operazzjoni ta' trobbija, li qatt ma kienu fil-pussess jew miżmuma minn din l-operazzjoni.

- 2) Il-punt 2 tal-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 moqri flimkien mal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi li kampjun, miżmum minn persuna li trabbi l-annimali, ta' speċi tal-annimali msemmija fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun irregolat il-kummerċ fihom, ikun jista' jitqies bħala li twieled u trabba fil-magħluq, fis-sens tal-Artikolu 8(3) ta' dan ir-regolament, meta axxendenti ta' dan il-kampjun, li ma jagħmlux parti mill-ħażna għat-trobbija ta' din il-persuna li trabbi l-annimali, ġew akkwistati minn terz, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, b'mod li jippreġudika s-sopravivenza tal-ispeċi kkonċernata fis-selvaġġ.

<sup>(1)</sup> ĠU C 62, 22.2.2021.